MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 428/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Emmanuel Camilleri)
**vs**
**Christopher Galea et.**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmija Christopher Galea ta' 15 il-sena bin-Raymond u Anna nee' Azzopardi imwieled Pieta' u joqghod Ent E Flat 3 Hanover str. Bormla.
U
Kevin Aquilina ta' 13 il-sena bin Joseph u Jane nee' Decelis imwieled Pieta' u joqghod 18 Govt. Buildings, Windmill str. Bormla
U
Sabrina Aquilina ta' 12 il-sena bint Joseph u Jane nee' Decelis imwielda Pieta' u toqghod 18 Govt. Buildings, Windmill str., Bormla.

1. Talli bejn il-lejl ta' bejn it-8 ta' Jannar 1999 u d-9 ta' Jannar 1999 ghal habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu f'Hompesch str. Fgura ikkommettew serq ta' zaewg speakers tal-karozzi, car stereo u xi ghodda mill-vettura bin-numru KAL-568 tal-marka Escort u EAM 375 tal-marka Mini Minor liema serq hu kkawlifikat bil-hin kif wkoll bil-valur li jaccedi LM 100 izda mhux aktar minn LM 1000 u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Simon Cauchi.

2. Talli fl-istess hin, post u cirkostanzi ikkommettew serq ta' baskett b'hwejjeg ta' l-isports ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa li l-valur taghhom huwa ta' izjed minn LM 10 izda inqas minn Lm 50.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzati ammettew li l-akkuzi migjuba kontrihom wara li l-Qorti fissritilhom xi tfisser ammissjoni u tathom iz-zmien biex jahsbuha sew.

Rat l-artikoli 261, 267,270,271 (G), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-Konfront ta' Kevin Aquilina u Sabrina Aquilina rat ukoll l-artikolu 36 tal-Kapitolu 9. Fil-Konfront ta' Christopher rat wkoll l-artikolu 37.

Stante l-eta ta' l-akkuzati u l-kondotta nadifa taghhom ser tapplika l-imsemmi artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk fil-waqt li ssib l-akkuzati hatja tilliberahom that il-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li a tenur ta' l-artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 l-atti u din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali.

Vera kopja. (ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

M.Mifsud, B.A
Dep Reg.

---------------------------------TMIEM---------------------------------